MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1108/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**

**VS**

**COLIN GALEA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Colin Galea detentur tal-Karta tal-Identita` numru 187991 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar is-17 ta` Ottubru, 2012, u xhur ta` qabel din id-data, gewwa Triq Dijonisju Famucelli, Msida, u bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer:

a) Gab ruhu b'tali mod li kien jaf jew li missu kien jaf illi kien ta` fastidju lil Joelene Micallef b'theddid u dan bi ksur tal-artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

b) Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Joelene Micallef biza` li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghhha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Joelene Micallef u dan bi ksur tal-artikolu 251 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta` Malta;
c) Talli nhar is-17 ta` Ottubru, 2012, u granet ta` qabel insulta bi kliem ta` mewt lil Joelene Micallef, u dan bi ksur tal-artikolu 339 (1) tal-Ligijiet ta` Malta;

d) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi dahal f'dar jew lok iehor jew f'recint gewwa Triq Dijonisju Famucelli, Msida, bil-mezz imsemmijin fl-artikolu 266, ghalkemm ma ghamel ebda prova ta` att li jikkostitwixxi attentat ta` reat iehor, u dan bi ksur tal-artikolu 330 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

e) Nhar is-17 ta` Ottubru, 2012, u xhur ta` qabel, gewwa Triq Mons. Arturo Bonnici, Msida, arma tan-nar tal-marka *Savas Shotgun*, bin-numru 1293, u disa` (9) ballal bhala munizzjon, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikolu 5 (1) tal-Kapitolu 480, tal-Ligijiet ta` Malta;

f) Talli wkoll fl-istess data, hin, lok u cirkostnzi kellu munizjon jew skratac b'comb ta` aktar minn 3.2mm dijametru;

g) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta` u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta` Malta;

h) Kif ukoll talli fl-istess cirkustanzi uza xi network jew apparat iehor ta` komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li nhargu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew appartat ta` komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uza b'mod mhux kif imiss bi ksur tal-Kapitolu 339.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, f'kaz ta` htija, sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija Joelene Micallef, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta` Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa. Ukoll il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll li minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta` kull ligi ohra, li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-thassir, jew l-iskwalifika milli jzomm jew jikseb xi licenzja, permess ta` aworita ohra mahruga mill-Gvern li l-imputat jigi ddikjarat hati ta` dawn ir-reati kriminali, li saru fl-esercizzju u/jew dwar esercizzju ta` xi professjoni, arti, negozju, vokazzjoni jew xoghol iehor li ghalihom ikun hareg jew jista` jinhareg licenzja, permess jew awtorita mill-Gvern, jew bl-uzu jew permezz ta` xi ghodda, vetturi jew oggetti jew kull haga ohra li tkun, li biex tinzamm jew tintuza, tkun inharget licenzja, permess jew awtorita f'ismu, li barra milli tikkundanna l-persuna li giet misjuba hatja, kif intqal qabel xi piena mahsuba fil-ligi ghar-reati, tordna li tkun skwalifikata milli jkollu jew jikseb licenzja ghal kwalunkwe arma ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidrilha xieraq, dik il-licenzja, permess jew awtorita.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Rat l-artikoli indikati u cioe` l-artikoli 251A, 251B, 339 (1), 266, 330 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-artikoli 5 (1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta, l-artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta` Malta, l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat il-Fedina Penali tal-imputat u l-Att ta` twelid tieghu;

Il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti illi l-kwerelanti hija lesta li tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputant purche li huwa jobbliga ruhu li la jdejjaq jew jimmolesta a tenur tal-artikolu 412 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti wara din id-dikjarazzjoni, tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-imputazzjonijiet a), b) u c).

Illi l-imputat pero obbliga ruhu li bl-ebda mod ma jkellem, jdejjaq jew jimmolesta lil Joelene Micallef ghal qualsiasi raguni.
Fir-rigward tal-imputazzjonijiet d), f), g) u h), l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Saret it-trattazzjoni rigwardanti l-piena u fuq ammissjoni dina l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet d), f), g) u h) u tikkundannah sena (1) prigunerija sospizi ghal sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dina l-Qorti tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-senter ghal sentejn (2) mil-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------